MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 404/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar sentejn, b'diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjonjiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(1) bil-qerq holoq tracci, jew gieghel jidher li donnu hemm fatti jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra, bil-hsieb li dawk il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;

(2) fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil diversi persuni, akkuzahom quddiem awtorita` kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dawn il-persuni huma innocenti, liema akkuza falza kienet dwar delitt suggett ghal piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn;

(3) fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

(4) fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), xerred ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon ordni jew il-paci pubblika, jew setghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku;

(5) fl-istess lok zminijiet u cirkostanzi, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), b'nuqqas ta' diligenza ordinarja, xerred ahbarijiet foloz li setghu allarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

(6) fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), ta malafama lil diversi persuni;

(7) fl-istess lok zminijiet u cirkostanzi hadem bhala gwardjan privat bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389), jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha ta' l-istess Att;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-8 ta' Lulju 2005 li permezz taghha baghat lill-appellant biex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali peress illi dehrlu li tista' tinsab htija taht dak li hemm mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) fl-artikoli 18 u 110(1) tal-Kodici Kriminali;

(b) fl-artikoli 18 u 101 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18 u 110(2) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 9 tal-Kap. 248 tal-Ligijet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 10 tal-Kap. 248 tal-Ligijet ta' Malta;
(f) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 11(a) tal-Kap. 248 tal-Ligijet ta' Malta;
(g) fl-artikoli 18 u 252 tal-Kodici Kriminali;
(h) fl-artikolu 25(a)(b)(c) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 101, 110(1)(2), 109, 252 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 9, 10 u 11(a) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 25(b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Zahra pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena jew, alternattivament, tirriorma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti erronejament sabet htija fl-ewwel imputazzjoni stante li l-elementi tar-reat hemm kontemplat ma jissussistux. Ir-rapport Dok. MC4 ma jista' qatt jigi ekwiparat ma' l-*actus reus* tar-reat in dizamina. Ir-*ratio legis* ta' dan ir-reat huwa divers minn dak spjegat mill-ewwel Qorti stante illi fil-kaz tal-kalunja indiretta mhuwiex

bizzejjed is-semplici kliem jew kitba izda jehtieg tracci u indizji materjali. Inoltre huwa mankanti l-aspett tal-qerq imsemmi fl-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 bhalma hija nieqsa l-prova tal-*mens rea* partikolari rikjesta sabiex tirrizulta r-reita`; (2) li l-ewwel Qorti erronejament sabet htija fit-tieni imputazzjoni stante illi jekk il-fatti attribwiti fir-rapport huma inveritjeri tali fatti bhala tali ma jikkontjenux il-karatteristici ta' reat *ut sic* ipotizzat bhala tali mil-legislatur. Lanqas ma jirrizulta li din l-allegata denunzja saret b'mod spontaneju. Di piu`, id-decizjoni li waslet sabiex ir-rapport jinghata lill-Pulizija Ezekuttiva kienet decizjoni li ghaliha l-appellant kien estraneju; (3) li l-ewwel Qorti erronejament sabet htija fit-tielet imputazzjoni stante li anke f'dan il-kaz mir-rizultanzi processwali mkien ma jikkonfiguraw l-elementi rikjesti ghall-finjiet ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 110(2). In effetti, il-konsiderazzjonijiet maghmula *obiter* mill-ewwel Qorti ma jwasslux ghas-sejbien ta' htija fuq din l-imputazzjoni; (4) li rigward ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti ma setghetx issib il-htija, dan anke in vista ta' dak provdut fl-artikolu 23 li huwa konsegwenza indiretta ta' dak stipulat fl-artikolu 3 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, kemm ghar-rigward l-artikolu 9 kif ukoll ghar-rigward l-artikolu 10 tal-Kap. 248, minn imkien ma jirrizulta li l-appellant xerred tali ahbarijiet. Hawn ukoll mhux car kif l-ewwel Qorti sabet il-htija kemm taht l-artikolu 9 kif ukoll taht l-artikolu 10 meta dawn iz-zewg reati huma guridikament distinti minn xulxin u ghandhom *mens rea* differenti; (5) li fin-nuqqas ta' kwerela kif rikjesta fl-artikolu 255 tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 252 tal-Kap. 9; (6) li rigward is-sejbien ta' htija fuq is-seba' imputazzjoni, l-inkarigu tieghu ma jinkwadrax f'dak dispost fl-artikolu 25(b) tal-Kap. 389, u dan in vista tad-definizzjoni ta' *"private guard"* u ta' *"private guard services"* fl-artikolu 2 ta' l-istess Kap. 389; (7) li apparti dak premess, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi stante li ma ghamlet ebda konsiderazzjoniiet dwar il-pern principali ta' din il-kwistjoni u r-ragunijiet ghaliex l-appellant stqarr dak li stqarr fil-kors ta' l-interrogatorju. In effetti mid-Dok. MC1, li huwa t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-appellant, ghandu jirrizulta li huwa ghazel li jistqarr li r-rapport kien ivvintat stante li fl-

ebda stadju ma ried jizvela s-sorsi li tawh dik l-informazzjoni; (8) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena kienet eccessiva, partikolarment meta wiehed iqis il-fedina penali ta’ l-appellant.

Is-seba’ aggravju

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta s-seba’ aggravju fejn l-appellant jirreferi ghall-istqarrija tieghu fejn huwa kkontenda li fir-rapport tieghu huwa nizzel l-informazzjoni li tawh sorsi tieghu, u li huwa baqa’ ma riedx jizvela min huma dawn is-sorsi. Peress illi l-interrogatur tieghu baqa’ jinsisti li kellu jghid min huma s-sorsi tieghu, l-appellant hin minnhom saqsa lill-Kummissarju tal-Pulizija jekk riedx allura li jghidlu li kien ivvinta kollox sabiex jitilqu ‘l barra. Effettivament imbaghad l-appellant beda jghid illi kien ivvinta kollox. Ghalkemm ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti ghamlet xi konsiderazzjonijiet dwar dan it-tibdil f’dak li kien qieghed jistqarr l-appellant lill-Pulizija – difatti l-ewwel Qorti fil-bidu tal-konsiderazzjonijet taghha qalet mill-ewwel li rrizulta “illi l-kontenut ta’ dan ir-rapport ma kienx minnu ghaliex kien kollu vvintat mill-imputat” – l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghal dik il-konkluzjoni peress illi ma tezistix l-icken hjiel ta’ prova li b’xi mod tissuffraga l-kontenut tar-rapporti Dok. MC 3 u Dok. MC4. Anzi, minbarra x-xiehda tal-persuni koncernati li kollha cahdu xi involviment kif allegat fir-rapporti, tezisti anke prova dokumentarja li xxejjen parti mir-rapport Dok. MC3. F’dan ir-rapport jinghad illi Claudine Cassar kellha laqgha Napli fis-26 ta’ Ottubru 2002 u laqgha ohra Firenze fit-12 ta’ Marzu 2003. Mill-passaporti ta’ Claudine Cassar jirrizulta illi bejn it-3 ta’ Settembru 2002 u l-21 ta’ Novembru 2003 hija ma sifritx. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tikkonkludi li l-verzjoni li kellha titwemmen kienet dik meta l-appellant ammetta li kien ivvinta kollox.

L-ewwel aggravju

Permezz ta’ l-ewwel imputazzjoni l-appellant gie akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

**"110. (1) Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."**

L-appellant isostni illi mir-rizultanzi processwali l-elementi ta' dan ir-reat ma jissussistux. Isostni illi r-rapport Dok. MC4 ma jista' qatt jigi ekwiparat mal-*actus reus* tar-reat in dizamina. Jghid illi fil-kaz tal-kalunja indiretta mhuwiex bizzejjed is-semplici kliem jew kitba izda jehtieg tracci u indizji materjali. L-appellant jirritjeni wkoll illi huwa mankanti l-aspett ta' qerq imsemmi fl-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 bhalma hija nieqsa l-prova tal-*mens rea* partikolari rikjesta sabiex tirrizulta r-reita`.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Mizzi** moghtija fis-16 ta' Frar 1998 (Vol. LXXXII.iv.117) din il-Qorti diversament presjeduta qalet dwar l-imsemmi artikolu 110(1) tal-Kap. 9:

**"Ir-reat ikkontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji**

**materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."**

Il-Professur Sir Anthony Mamo jiccita[1] l-Maino li jghid dwar dan ir-reat:

"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato …. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."

Il-Professur Mamo mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. in the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."

L-ewwelnett l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant ma jirreferux biss ghad-Dok. MC4 izda anke ghad-Dok. MC3. Fid-Dok. MC3 l-appellant jaghti dettalji konsistenti f'dati u postijiet fejn allegatament saru laqghat bejn persuni li kellhom interess fil-process ta' *tenders* dwar *equipment* ghall-Isptar Mater Dei. Inoltre fl-istess Dok. MC3 l-appellant jghid illi telefonati u *mobile calls* li saru waqt laqgha minnhom kienu *"intercepted and logged"*. Fl-

[1] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

istess Dok. MC3 l-appellant jaghti wkoll dettalji dwar allegati trasferimenti ta’ flus minn Bank ghall-iehor. Jghid illi waqt l-ahhar gimghat ta’ investigazzjonijiet kien qieghed jisma’ *“recording”* u *“pick up money trails”*. Jikkonkludi billi jghid hekk: *“All documentation and recordings came be provided. Some, with legal acts. Others, as I had explained before they will have to be bought.”* Jirrizulta mix-xiehda ta’ Dr. Joe Fenech li l-appellant qallu li kien lest jikkonferma l-kontenut ta’ dan id-dokument bil-gurament quddiem Magistrat.

Jigifieri, b’mod partikolari bid-Dok. MC3, l-appellant kien qieghed <u>igieghel jidher li donnu hemm fatti jew cirkostanzi li jkunu jistghu ’l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra</u>. Il-fatt li l-appellant ammetta li dan kien ivvintat juri li sar b’qerq. Dan id-dokument fil-fatt gie mghoddi lill-Prim Ministru li mbaghad ghaddieh lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun jista’ jinvestiga. Fil-fatt il-Kummissarju tal-Pulizija kellem lill-appellant li ghall-bidu nsista fuq il-veracita` tal-kontenut tieghu.

<u>It-tieni aggravju</u>

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ukoll erronejament sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, cioe` l-ksur ta’ l-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**“101. (1) Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b’reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati -**
**(a) il-piena ta’ prigunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuza falza tkun ta’ delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn;**
**(b) il-piena ta’ prigunerija minn sitt xhur sa disa’ xhur, jekk l-akkuza falza tkun ta’ delitt suggett ghall-piena mhux akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, izda li ma jaqax tat il-pieni tal-kontravvenzjonijiet;**

**(c) il-piena ta’ prigunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuza falza tkun ta’ kull reat iehor.**
**(2) Meta d-delitt isir bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, il-piena tizdied grad.”**

Skond l-appellant, jekk il-fatti attribwiti fir-rapport huma inveritjeri, tali fatti bhala tali ma jikkontjenux il-karatteristici ta’ reat *ut sic* ipotizzat bhala tali mil-legislatur. Inoltre, jghid l-appellant, lanqas ma jirrizulta li din l-allegata denunzja saret b’mod spontaneju. L-appellant isostni wkoll illi d-decizjoni li waslet sabiex ir-rapport jinghata lill-Pulizija Ezekuttiva kienet decizjoni li ghaliha huwa kien estraneju.

L-ewwelnett huwa minnu illi mehudin individwalment, l-allegata attivita` tal-persuni ndikati fir-rapporti Dok. MC3 u Dok. MC4 – apparti referenza specifika fid-Dok. MC4 ghal *“tender manouvering”* da parti ta’ Joseph Spiteri – ma jikkostitwux reati. Mhuwiex reat li tiltaqa’ f’lukanda. Mhuwiex reat li titrasferixxi flus minn bank ghall-iehor. Il-kuntest pero` jirrigwarda allegata korruzzjoni fl-ghoti ta’ *tender* lis-socjeta` INSO sabiex tipprovdi *equipment* lill-Isptar Mater Dei, bil-persuni msemmija allura bhala allegati kompartecipi f’dan ir-reat.

Kwantu ghall-kwistjoni ta’ spontaneita`, l-appellant jirreferi ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Nicola Brincat et** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta’ Ottubru 1951. F’dar-rigward pero` din il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid Francesco Antolisei dwar ir-reat ta’ kalunnja: “Non e` necessario che la denunzia sia spontanea. Risponde, pertanto, di calunnia l’imputato che accusi un innocente nel corso di un interrogatorio.”[2] Din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-2 ta’ April 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Farrugia** fejn ukoll gie deciz, fil-kuntest ta’ l-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali, li mhux necessarju li d-denunzja ssir spontanejament. Ghalhekk fil-kaz in ezami fejn l-appellant, meta mitkellem mill-Pulizija – mhux bhala investigat – ikkonferma r-rapporti tieghu, huwa rrenda ruhu hati ta’ kalunja. Naturalment dan hu hekk stante illi wara ddikjara li kien ivvinta kollox.

---

2 Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale,Vol. II, p. 771 (Giuffre, 1966).

<u>It-tielet aggravju</u>

Dan l-aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."**

Skond l-appellant, anke hawn l-ewwel Qorti erronejament sabet il-htija stante li mir-rizultanzi processwali mkien ma jikkonfiguraw l-elementi rikjesti ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija taht dak l-artikolu. Jghid illi l-konsiderazzjonijiet li ghamlet *obiter* l-ewwel Qorti ma jwasslux ghas-sejbien ta' htija fuq din l-imputazzjoni.

Fir-rigward ta' dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid[3]:

"This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation…. The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person"

F'dan il-kaz, l-appellant specifika l-persuni li dwarhom irrapporta allegati movimenti u ntricci. Ghalhekk ma setax

[3] *Op. cit.* p. 59 – 60.

jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali.

Ir-raba' aggravju

Dan l-aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond l-artikoli 9, 10 u 11 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija taht dawk l-artikoli, anke in vista ta' dak provdut fl-artikolu 23 tal-Kap. 248 li huwa konsegwenza indiretta ta' dak stipulat fl-artikolu 2 ta' l-istess Kap. 248. Inoltre, jghid l-appellant, kemm ghar-rigward l-artikolu 9 kif ukoll ghar-rigward l-artikolu 10 tal-Kap. 248, minn imkien ma jirrizulta li huwa "xerred" tali ahbarijet. Barra minn hekk, jikkontendi l-appellant, ir-reati kontenuti fl-artikolu 9 u fl-artikolu 10 huma guridikament distinti minn xulxin u ghandhom *mens rea* differenti; ghalhekk mhuwiex car kif l-ewwel Qorti sabet htija fit-tnejn.

Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et** deciza fl-20 ta' Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-*Press Act*. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:

**"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'<u>tipi</u> tipografici" (*'printed in typographical <u>characters</u>'*, fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-<u>process</u> tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-<u>process</u> ikunx dak tipografiku klassiku (*'composing type and printing from it'*, Collins English Dictionary, *'v. typography'*), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku**

**(bhal, per ezempju, *phototypesetting*, l-uzu ta' *typewriter*, l-uzu ta' *printer* tal-kompjuter, diversi forom ta' *offset printing*) hu rrelevanti.**

**Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248. Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet *Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit* u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-*typewriter*, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet *Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs Publio Schembri*);**

**Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser:**

***'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra'*;**

**L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tieghu hi ukoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru."**

Jigifieri fil-kaz in ezami, anke kieku r-rapporti gew ikkomunikati biss lil Sietse Zoodsma kien ikun hemm it-tixrid taghhom.

Kwantu ghall-ilment ta’ l-appellant li ma setax jinstab hati kemm skond l-artikolu 9 kif ukoll skond l-artikolu 10 tal-Kap. 248, l-appellant ghandu ragun. Difatti kellu jinstab hati biss skond l-artikolu 9.

Dwar is-sejbien ta’ htija skond l-artikolu 11 tal-Kap. 248 l-appellant ma ghandu l-ebda lment.

Il-hames aggravju

L-appellant jghid illi fin-nuqqas ta’ kwerela skond kif rikjesta mill-artikolu 255 tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta sabet htija taht l-artikolu 252 tal-Kap. 9.

L-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Ghall-ingurja ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza.”** Issa, is-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Meta ma jistghux jinfethu proceduri kriminali hlief bit-talba tal-privat, l-imputat jista’, ukoll qabel l-ezami tieghu, jitlob li tingieb il-kwerela, jekk din tkun saret bil-miktub, inkella li jingiebu provi ohra ta’ dik il-kwerela, jekk din tkun saret bil-fomm.”** F’dan il-kaz, l-appellant ma setax jitlob li tingieb il-kwerela jew li ssir prova taghha sakemm l-Avukat Generali ddecieda li jirrinvija l-atti ghall-gudizzju, u dan peress illi fl-akkuza originali l-appellant ma giex addebitat bil-ksur ta’ l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Dan ma kienx jipprevjeni lill-appellant milli jaghmel tali talba wara r-rinviju ghall-gudizzju. Difatti s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 390 citat ma jorbotx idejn l-imputat dwar l-istadju li fih jista’ jaghmel tali talba. Minn ezami ta’ l-atti, pero`, ma jirrizultax li din it-talba saret wara r-rinviju ghall-gudizzju. U s-subartikolu (5) ta’ l-istess artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Jekk, matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi.”** Konsegwentement il-hames aggravju huwa michud.

Is-sitt aggravju

L-appellant isostni illi l-inkarigu tieghu ma jinkwadrax f'dak dispost fl-artikolu 25(b) tal-Kap. 389 in vista tad-definizzjoni ta' "gwardjan privat" u "servizzi ta' gwardjani lokali". Skond id-difensur ta' l-appellant, jekk wiehed jara d-definizzjonijiet rilevanti fil-ligi, isib illi l-"gwardjan privat" irid ikun impjegat jew jahdem ma' agenzija ta' gwardjani privati, u ma jirrizultax illi l-appellant kien hekk impjegat jew ingaggat.

L-artikolu 25(b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi, *inter alia*, li kull persuna:

**"(*b*) li tahdem jew li tkun impjegata bhala gwardjan privat jew gwardjan lokali bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi licenza mahruga bis-sahha tieghu tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja multa ta' mhux izjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien".**

Issa, fl-artikolu 2 ta' l-istess Kap. 389, "gwardjan privat" huwa definit bhala **"individwu li hu impjegat jew li jahdem ma' agenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati f'isem dik l-agenzija"**. Imbaghad, l-istess artikolu jiddefinixxi "agenzija ta' gwardjani privati" bhala **"kull <u>individwu</u> jew ghaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta' gwardjani privati u tinkludi kull individwu jew ghaqda bhal dawk li jimpjegaw jew ihaddmu impjegat biex jipprovdi servizzi ta' gwardjan privat f'xi post ta' divertiment kif jista' jigi preskritt"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri "individwu" li qieghed jipprovdi servizzi ta' gwardjan privat jaqa', ghall-finijiet tal-ligi in kwistjoni, taht id-definizzjoni ta' "agenzija". Din l-interpretazzjoni hija msahha mill-fatt illi "servizzi ta' gwardjani privati" huma mfissra mill-istess artikolu 2 bhala **"kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taht id-disposizzjonijiet ta' xi ligi ohra barra minn dan l-Att,**

**moghti minn <u>individwu</u> jew minn ghaqda ta' persuni, korporata jew le"** (sottolinear ta' din il-Qorti). U fost tali servizzi hemm servizzi ta' investigazzjoni privata.[4] Mela kull min jipprovdi servizzi ta' investigazzjoni privata huwa soggett ghad-disposizzjonijiet tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-artikolu 3 ta' l-istess Kap. 389, kull min jahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk joffri s-servizzi tieghu, jehtieg licenzja skond id-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi. Irrizulta mill-provi li l-appellant ma kellux licenzja, u ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement sabet htija skond din l-imputazzjoni. B'hekk anke s-sitt agravju huwa michud.

<u>It-tmien aggravju</u>

Dan l-aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva. L-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-fatt li ghandu fedina penali nadifa. Issa, din il-Qorti trid tikkunsidra li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2004 u l-fedina penali ta' l-appellant fil-fatt baqghet dik li kienet, cioe` sejbien ta' htija darba dwar ksur tal-ligijiet tat-traffiku fit-13 ta' Gunju 1979 li dwar il-kaz kien inghata *conditional discharge* ghal tliet xhur. Mill-banda l-ohra ma tistax ma tqisx, bhalma qalet l-ewwel Qorti, li r-rapporti li hejja l-appellant setghu taw lok ghal proceduri kriminali kontra persuni innocenti u setghu wkoll kellhom riperkussjonijiet serjissimi nazzjonali. Naturalment sejjer jittiehed kont tal-fatt illi l-appellant se jigi dikjarat mhux hati ta' uhud mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll l-applikabilita` ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (li l-ewel Qorti naqset milli tapplika). Ghalhekk, filwaqt illi se jkun hemm temperament fil-piena, din il-Qorti ma tqisx li x-xorta tal-piena tista' tinbidel.

Ghal dawn il-motivi:

[4] Paragrafu (i) fid-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" fl-artikolu 2 tal-Kap. 389.

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe` talli ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-hames imputazzjoni, u cioe` talli b'nuqqas ta' diligenza ordinarja, xerred ahbarijiet foloz li setghu allarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddisturbaw il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, u minn dawk l-imputazzjonijiet tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal l-piena ta' prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u minflok, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sbatax-il xahar, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------